## LILL-IMDINA

*Minn fuq dik l-għolja int rajthom kemm-il darba*
*Telgħin l-egħdewwa għalik, ja Belt Qadima.*
*Int tajt lil bosta wlied l-aħħar tislima*
*U ħsilt bid-dmugħ l-iswar b'demmhom imxarrba.*

*'Ma ġriet l-aħbar ta' ferħ: mit-triq imġarrba*
*Għaddejtu lil Ruġġier fost l-akbar qima.*
*Mill-ġdid tjassart...... Saflaħħar, bi tbissima,*
*Lin-nies ta' Napuljun rajthom imħarrba.*

*Illum, fis-skiet, tiftakar dawk il-ġrajja......*
*U tibki lill-ulied li ssieltu miegħek*
*Biex ma jarawha qatt lil Malta lsira.*

*Għalhekk, bħal ċimiterju, bqajt bla ħajja:*
*U n-nies tirfes bla ħoss...... fuq l-oqbra tiegħek,*
*Taħseb fl-eroj qalbiena ta' dil-Gżira.*

* * *

## IL-MISTERI TAN-NATURA

*Fil-qalb ta' l-univers fejn hemm miġbura*
*L-egħġubijiet tal-ġmiel, tal-lwien u d-dija,*
*Hemm il-misteri kbar, sa fl-iċken fjura,*
*Misteri minsuġin b'għerf is-sbuħija.*

*Fl-għerien ta' l-oċejan kull lewn u sura*
*Ta' ħut, arzell u qroll; taħt l-art moħbija*
*Djamanti u ġawhar; deheb fis-sema u ħmura...*
*U blu ħolliem ta' lejla saħħarija.*

*Misteru fl-iċken qamħa u f'kull żerriegħa,*
*Misteru d-dawl, l-għajnejn, il-mewt u l-ħajja,*
*Misteru l-qalb tal-bniedem b'kull ma fiha.*

*Alla misteru: u mill-essenza Tiegħu*
*Mal-ġmiel li ħalaq xerred frak bi qtajja'*
*Biex nagħ'rfu ċ-ċokon tagħna u kobor Driegħu.*

DUN FRANS CAMILLERI.